# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru: 285/2014/VG**

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Kevin SCIBERRAS**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-29 ta' April, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf hames mija sitta u hamsin Euro u tmienja u sebghin centezmu ta' Euro [€1,556.78c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, hames mija u sitta u hamsin ewro u tmienja u sebghin centezmi (€1556.78) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51001282 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.
>
> Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fis-6 ta' Gunju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi l-ammont mitlub mhux l-ammont dovut;

2. Illi l-ammont mitlub mhux veru, cert u likwidu;

3. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjez";

Ra l-verbal tal-24 ta' Gunju, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' elf hames mija sitta u hamsin Euro u tmienja u sebghin centezmu ta' Euro [€1,556.78c] rapprezentanti din is-somma servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51001282 moghtija lill-intimat mill-istess socjeta rikorrenti. L-intimat laqa' ghal din it-talba billi qal li l-ammont mitlub mhux l-ammont dovut u li l-ammont mhux veru, cert u likwidu u ghalhekk, it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ikkunsidra;

2. Jirrizlta li l-intimat kien iffirma *repayment programme* mas-socjeta rikorrenti fl-1 ta' Jannar, 2012 (fol. 23) u iehor fil-5 ta' Jannar, 2012 (fol. 24). L-intimata gharaf il-firem tieghu fuq dawn id-dokumenti (fol. 32).

3. L-intimat xehed u qal li huwa kien iffirma ftehim fit-2 ta' Dicembru, 2009 mas-socjeta rikorrenti u li permezz tieghu huwa kellhu jhallas l-ammont ta' €49.95c fix-xahar ghal servizz ta' zewg numri ta' linja cellular, it-telefon tad-dar u servizzi ta' l-internet. Dan il-kuntratt skada fit-2 ta' Dicembru, 2011. Qal li s-socjeta rikorrenti baqghet izzommlu flus ghal dati li sussegwenti ghaz-zmien li skada l-kuntratt ta' l-2009. Huwa esebixxa dok. KS 3 (fol. 38) datat 4 ta' Marzu, 2012 u qal li skond dan id-dokument "*jiena Ghandi naghtihom u cioe s-socjeta rikorrenti s-somma ta' sbatax il-euro u hamsa u erbghin centezmu (€17.45c)*" (fol. 32). Li ma jghidx l-intimat pero huwa li skond dik l-ittra, hem miktub ukoll hekk: "*We regret to note that the older part of this balance, has been pending since 06 February 2012*" (fol. 38). It-Tribunal jifhem li l-"*older part of this balance*" mhux l-ammont imsemmi ta' €17.45c. L-

intimat fid-deposizzjoni tieghu jammetti li ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti "*s-somma ta' elf ewro (€1000) u mhux aktar*" (fol. 32).

In kontro-ezami, l-intimat qal li huwa jaqbel mal-fatt li kien iffirma zewgt ftehim mas-socjeta rikorrenti u li kien obbliga ruhhu li jhallas dawk l-ammonti b'mod ratejali. Qal ukoll li jaqbel "*li ma thallas l-ebda ammonti minn dak li kont ftehmt li nhallas, nghid illi wara li ffirmajt da nil-ftehim jiena ma hallastx dak li kont miftiehem inhallas*" (fol. 32).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. It-Tribunal huwa sorpriz kif l-affarijiet waslu sa hawn. Zgur li mhux tort tas-socjeta rikorrenti. L-intimat iffirma zewgt ftehim mas-socjeta rikorrenti sabiex ihallas l-ammonti hemm indikati. Huwa ammetta quddiem it-Tribunal li ma hallas xejn minn dawn l-ammonti u zied jghid li huwa kellu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €1000 u mhux aktar. It-Tribunal ma jaqbilx. It-Tribunal huwa sodisfatt li l-ammonti reklamati mis-socjeta rikorrenti huma dovuti u ghalhekk sejjer jilqa t-talba taghha kif kontenuta fl-avviz.

5. Huwa minnu ukoll li s-socjeta rikorrenti ma resqitx xhieda viva voce, izda mid-dokumentazzjoni esebita u mix-xhieda ta' l-istess intimat, huwa sodisfatt li s-socjeta rikorrenti ppruvat il-kaz taghha. Hija mhollija ghal parti x'tip ta' xhieda tressaq. L-intimat xehed u sarlu l-kontro-ezami u minn din ix-xhieda, it-Tribunal, kif diga qal, huwa sodisfatt li l-intimat ghad fadallu jhallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont reklamat minnha.

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi da nil-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf hames mija sitta u hamsin Euro u tmienja u sebghin centezmu ta' Euro [€1,556.78c] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-dati ta' meta kienu dovuti sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez, huma kollha a karigu tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**